MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 239/2014

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Il-Bastiment Bunkertank I (IMO 8513235) u Bunker Supplies Malta Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li bih l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' hmistax-il elf disa' mija u sebghin ewro, drittijiet tal-port inkluz irmigg (berthage/mooring dues), drittijiet ghal uzu tal-moll u hlasijiet rigward l-immanggjar tal-iskart minn bastimenti (ship generated waste management fees) skond statement of account tal-14 ta' Marzu

2014. L-attrici talbet ukoll li l-imghax jithallas bl-oghla rata applikabbli skond il-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Il-konvenuti ma wiegbux ghalkemm mill-atti jirrizulta li gew notifikati.

Semghet lill-avukat Dr Christopher Spiteri jixhed. Mill-atti jirrizulta li l-kumpannija konvenuta hi s-sid tal-bastiment Bukertank I (IMO 8513235) [ara Dok. TM1 a fol. 5].

Peress li hadd mill-konvenuti ma deher sabiex jikkontesta l-kawza, **tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sebghin ewro (€15,970) bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax kif mitlub**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------